**14 ta' Novembru, 1958**

**Imħallfin:—**

**s-S.T.O. Prof. Dr. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D. President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.**

Michele Casha

*versus*

Edgar Baldassare Naudi

## Retratt — Nullità — Danni fil-Fond Irkuprat.

*Jekk wieħed jirkupra fond u l-akkwirent jirrivendihulu, u in segwitu l-irkupru u r-rivendizzjoni jiġu dikjarati nulli b'sentenza, b'mod li dak l-akkwirent jerġa jieħu l-fond li kien irrivenda, u fil-kors li l-fond kien għand ir-retraent dan għamel xi tiswijiet jew xogħolijiet fih li kienu difettużi jew eżegwiti ħażin, id-domanda tal-akkwirent tal-fond biex dak li kien retraent isewwi l-ħsarat li jirriżultaw li saru minnu fil-fond waqt il-pussess tiegħu, tiddependi sostanzjalment minn tliet kwistjonijiet, li l-Qorti għandha teżamina sabiex jiġi xjolt in-"nodum juris" konness mad-domanda tal-attur; u ċjoè (1) jekk ir-retratt kienx sar vessatorjament jew in mala fede, jew b'leġġerezza mhux skużabbli; (2) x'kienu r-relazzjonijiet ġuridiċi bejn il-kontendenti fiż-żmien li fih il-fond kien f'idejn il-konvenut u dan għamel ix-xogħolijiet fih; (3) u x'effett seta' kellu fuq dawn ir-relazzjonijiet il-ġudikat li ddikjara null ir-retratt u nulla r-rivendizzjoni.*

*Kwantu għall-ewwel kwistjoni, hu intuwittiv illi, jekk l-irkupru sar in mala fede jew vessatorjament, jew b'leġġerezza mhux skużabbli, allura, kwante volte tkun fondata l-allegazzjoni ta' negliġenza tal-konvenut retraent fl-eżekuzzjoni ta' dawk ix-xogħolijiet, tqum il-kwistjoni jekk hemmx in-"nexus" ġuridiku ta' responsabilità għad-danni akwiljani; infatti, f'każ simili jkun irid jiġi eżaminat jekk il-konvenut ikunx responsabbli għall-konsegwenzi kollha ta' dik l-illiċejità inizjali. Imma jekk ma jirriżultax li r-retratt ġie eżerċitat vessatorjament, ma jkunx hemm da parti tar-retraent konvenut dik ir-responsabilità inizjali ta' indoli akwiljana,*

*Dwar it-tieni kwistjoni, hu prinċipju elementari li bl-eżerċizzju tal-irkupru u bir-rivendizzjoni konsegwenzjali, ir-retraent jidħol minflok il-kumpratur oriġinali, li jitqies "ac si nunquam emisset"; u għalhekk, salvi l-obligazzjonijiet ta' ċerti rimborżi u ta' ċerti kontijiet preskritti mill-liġi f'każ ta' retratt, ebda rapporti ġuridiċi oħra. li b'xi mod kienu jistgħu jillimitaw lill-konvenut retraent f'dak li kien dritt tiegħu li jagħmel "uti dominus" tal-fond irkuprat, ma kien hemm bejn il-kontendenti. U lanqas tista' tiġi akkampata xi responsabilità in bażi għall-kważi-kuntratt tan-"negotiorum gestio." Per konsegwenza, ebda responsabilità tar-retraent vis-a-vis l-akkwirent oriġinarju ma seta' kien hemm lanqas f'dan l-istadju.*

*A rigward tat-tielet kwistjoni, kieku si trattava ta' nullità assoluta vera u proprja, f'sens ta' ineżistenza, forsi kien ikun hemm lok għall-konsiderazzjoni tal-pont involut f'din it-tielet kwistjoni; imma hu ċar li hawn si tratta ta' invalidità li għaliha kien hemm bżonn tal-intervent tat-tribunal biex tiġi aċċertata l-eżistenza jew ineżistenza tat-titolu tar-retratt u biex jiġi aċċertat jekk l-iżball tal-liġi k'enx il-kawża unika u prinċipali. Għalhekk, il-pożizzjoni kreata bl-irkupru u bir-rivendizzjoni baqgħet sħiħa sakemm ma ġewx dikjarati nulli; u sakemm att ma jiġix annullat, jeżisti u jipproduċi l-effetti kollha tiegħu daqs li kieku kien pjenament validu.*

*Għalhekk, almenu in bażi għaċ-ċitazzjoni kif inkwadrata, ma jidhirx li hemm mill-parti tar-retraent vjolazzjoni ta' xi obligu ġuridiku li hu kellu versu l-akkwirent, sija kontrattwalment sija extra-kontrattwalment; u fit-termini tad-domanda kif konċepita, ma hux kompitu tal-Qorti li teżamina jekk talvolta lill-akkwirent li jerġa' jiehu l-fond irkuprat kontra tiegħu jikkompetixxi dritt "utendo juribus" tar-retraent vis-a-vis l-persuna li r-retraent ikun qabbad biex jagħmillu dawk ix-xogħolijiet, salva kull konsiderazzjoni u eċċezzjoni oħra, u kull kontestazzjoni tal-interessati.*

Il-Qorti:— Rat iċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li biha l-attur,

wara li ppremetta illi in segwitu għas-sentenza mogħtija minn din il-Qorti fis-16 ta' Ottubru 1950, fil-kawża fl-istess ismijiet premessi, il-konvenut irrilaxxja lill-attur il-fondi numru 11 u 14 ta' Alley II, Prince Albert Street, Albert Town, Marsa, li hu kien irkupra minn għand il-konvenut; illi waqt li kienu fil-poter tiegħu l-konvenut kien irrikostruwixxa dawn iż-żewġ fondi bil-flus tal-War Damage Commission; illi dak ix-xogħol ma ġiex maħdum skond is-sengħa, jew ġew impjegati fih xi materjali ħżiena, jew minħabba xi raġuni oħra, dovuta għan-negliġenza tal-konvenut jew tad-dipendenti tiegħu, is-soqfa u t-travi tal-istess fondi ġew konsenjati lill-attur fi stat ħażin u b'minaċċja ta' rovina; u illi, xi xhur ilu, l-attur qala' s-soqfa tan-numru 11 u biddel il-konformazzjoni tal-post, iżda ma setgħax jagħmel użu mit-travi kollha li kien hemm, peress li kienu msewwsa; u illi fil-fond nru. 14 it-travi qed iżommu f'posthom biss għax ippuntellati sewwa, però jistgħu minn mument għall-ieħor iċedu s-soqfa; prevja d-dikjarazzjoni illi l-konvenut huwa responsabbli għall-ħsara u perikolu eżistenti fil-fondi premessi; talab li l-konvenut (1) jiġi kundannat jirripara l-ħsara eżistenti fis-soqfa tal-fond numru 14 f'Alley II, Prince Albert Street, Marsa, taħt id-direzzjoni ta' perit nominand u fi żmien perentorju li jiġi fissat minn din il-Qorti; (2) li in difett l-attur jiġi awtorizzat jagħmel l-istess xogħol u spejjeż tal-konvenut; (3) li jiġi likwidat il-valur tal-materjal, ossija tat-travi, li l-attur tilef mill-fond numru 11 fl-istess trieq, b'titolu ta' danni, billi ma setgħax jagħmel użu minnhom meta mmodifika l-istess fond; (4) u li l-konvenut jiġi kundannat iħallas lill-attur l-ammont hekk likwidat, okkorrendo bl-opra ta' perit. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut;

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut, li biha ssottometta l-infondatezza tad-domanda fid-dritt u fil-fatt; il-konvenut, infatti, ma għamelx ħaġ'oħra ħlief ordna t-tiswijiet tal-ħsara kaġunata mill-gwerra, u bħala proprjetarju tal-fond ma kellux ebda obligu jagħmel riprazzjonijiet oħra u sostituzzjoni ta' travi talvolta qodma u li ma kellhomx ħsara tal-gwerra;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tad-9 ta' Mejju 1958, li biha laqgħet l-ewwel talba tal-attur, billi kkundannat

lill-konvenut jagħmel ix-xogħolijiet deskritti u suġġeriti mill-perit ġudizzjarju fit-tieni paragrafu tal-konklużjoni tiegħu, u dan fi żmien xahar, prorogabbli għal ġusta kawża, taħt id-direzzjoni tal-istess perit, għal dan l-iskop espressament inkarigat; u jekk jonqos, laqgħet it-tieni talba, billi awtorizzat lill-attur jagħmel a spejjeż tal-konvenut ix-xogħolijiet *fuq riferiti*, taħt id-direzzjoni tal-istess perit; u laqgħet it-tielet talba, billi llikwidat il-valur tat-travi fis-somma ta' £5, jiġifieri £2. 10. 0d kull wieħed; u laqgħet ir-raba' talba, billi kkundannat lill-konvenut iħallas lill-attur is-somma ta' £5, ekwivalenti għall-valur tażżewġ travi fuq imsemmija; l-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut, li favur tiegħu qegħeda ssir riżerva ta' drittijiet, jekk u skond il-liġi; billi dik il-Qorti kkunsidrat;

Ikkunsidrat;

Illi l-perit ġudizzjarju, fl-imsemmija relazzjoni tiegħu, ġie għall-konklużjoni (1) illi l-pretensjoni tal-attur hija fondata; (2) illi, sabiex tiġi riparata l-ħsara ndikata fl-ewwel domanda taċ-ċitazzjoni, jeħtieġ li jinqalgħu x-xoroq minn fuq it-travi li tqegħdu, tal-kwalità "Silvestre" jew "Pinus Laricio", jitqegħdu travi *oħra tajbin* tal-injam, jerġgħu jitqegħdu l-istess xoroq, u jsir bejt tajjeb fuqhom; (3) u illi, għall-fini tat-tielet domanda, il-prezz tal-injam li l-attur qala' billi kienu fi stat perikoluż, u li jinsabu depożitati *fil-post*, huwa ta' £5 l-wieħed, valutazzjoni modifikata mill-perit fix-xhieda tiegħu fol. 46;

Illi l-attur, kif ġa ntqal, irrimetta ruħu għall-konklużjonijiet peritali; iżda l-konvenut baqa' jinsisti fl-eċċezzjoni ġa minnu *mogħtija* (fol. 6), u fid-dibattitu orali ssottometta illi x-xogħol għamlu l-appaltatur Angelo Mangion, imsejjaħ fil-kawża, u għalhekk ir-riparazzjonijiet għandhom isiru minnu, u mhux mill-konvenut;

Illi, kwantu għall-ewwel eċċezzjoni, irriżulta mill-perizja ġudizzjarja illi x-xogħol sar ħażin u jeħtieġ li jsiru xi tiswijiet, u għalhekk ma jistgħax ikollha mportanza n-natura tax-xogħlijiet li saru;

Illi, dwar l-eċċezzjoni l-oħra, ma hemmx kuntrast li l-appaltatur tax-xogħol, Angelo Mangion, qabbdu l-konvenut, u kwindi l-attur ma għandux rapporti ġuridiċi miegħu. Veru li l-appaltatur ġie msejjaħ fil-kawża; iżda dan sar fuq talba tal-konvenut, u sabiex il-kontestazzjoni ssir anki fil-konfront tiegħu; imma b'dan ir-responsabilità tal-konvenut quddiem l-attur ma tbiddletx. Din il-konsiderazzjoni takkwista iżjed forza meta wieħed jirrifletti illi l-konvenut kien approva u aċċetta x-xogħol ta' Mangion, li tiegħu tħallas ukoll, u għalhekk, b'din l-approvazzjoni, salvi każi eċċezzjonali, huwa ġie llibera lil Mangion (arg. art. 1730 u 1731 Kod. Ċiv.), u ħa fuqu r-riskju u r-responsabilità ta' dak ix-xogħol (Kollez. XXIX-II-1129). Ma jistgħax jingħad illi d-difett fix-xogħol ma kienx apparenti, għaliex il-liġi ma tagħmel ebda distinzjoni (Ricci, Diritto Civile, Vol. VIII, §233; u Vitalevi, Appalti di Opere e Lavori, Digesto Italiano, §142). Veru li jista' jkun każ ta' dolo jew frode da parti tal-appaltatur; imma din mhix is-sede proprja li fiha jiġi diskuss dak il-każ, u kwindi sejra ssir favur il-konvenut riżerva ta' drittijiet, "si et quatenus";

Rat fol. 51 in-nota, li biha l-konvenut appella mis-sentenza fuq imsemmija, u fol. 52 il-petizzjoni tiegħu, li biha talab li dik is-sentenza tiġi revokata, u li t-talbiet jiġu miċħuda; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Brevement, il-fatti li minnhom oriġinat il-"quaestio juris" li għandha tirriżolvi l-Qorti, huma dawn. Il-konvenut odjern kien irkupra mill-poter tal-attur, b'titolu ta' konsangwineità, numru ta' fondi; liema rkupru ġie in segwitu ristrett għall-fondi msemmijin fl-att taċ-ċitazzjoni odjern. Ta' dawn il-fondi saret ir-rivendizzjoni. Bis-sentenza li għaliha saret riferenza fiċ-ċitazzjoni, l-irkupru u r-rivendizzjoni ġew dikjarati nulli u invalidi, u għalhekk l-attur odjern irriprenda l-istess fondi. Issa l-attur qiegħed jallega li, waqt li l-fondi kienu f'idejn il-konvenut, dan għamel xi xogħol strutturali fihom bi flus tal-War Damage

Commission, *liema* xogħol l-attur jgħid li sar ħażin għal raġunijiet imputabbli lill-konvenut; u fuq din il-bażi hu fformula *d-domanda* tal-lum;

Ikkunsidrat;

Il-kwistjonijiet li għandha teżamina din il-Qorti sabiex jiġi xjolt in-"nodum juris" huma sostanzjalment dawn:— (1) Jekk l-irkupru sarx vessatorjament jew in male fede, jew b'leġġerezza mhux skużabbli; (2) x'kienu r-relazzjonijiet ġuridiċi bejn il-*kontendenti* fiż-żmien li fih il-fondi kienu fil-poter tal-konvenut u dan għamel ix-xogħol fihom; (3) x'effett seta' kellu *fuq* dawn ir-relazzjonijiet il-ġudikat li ddikjara null l-irkupru u nulla r-rivendizzjoni;

Ikkunsidrat, dwar l-ewwel kwistjoni;

Hu intuwittiv li, jekk l-irkupru sar in mala fede jew vessatorjament, jew b'leġġerezza mhux skużabbli, allura, kwante volte tkun fondata l-allegazzjoni ta' negliġenza tal-konvenut *fl-eżekuzzjoni* ta' dawk ix-xogħolijiet, tqum il-kwistjoni jekk hemmx in-"nexus" ġuridiku ta' responsabilità għad-danni aqwiljani. Infatti, f'każ simili, ikun irid jiġi eżaminat jekk il-konvenut ikunx responsabbli għall-konsegwenzi kollha ta' dik l-illiċejità inizjali;

Din il-Qorti, fis-sentenza tagħha fil-kawża "Mugliett et. vs. Dr. Bezzina", tad-29 ta' Jannar 1926 (Vol. XXVI-I-405), qalet hekk:— "...... non è in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene *non* vi riesca. Perchè si verifichi in simili casi la colpa, occorre che la pretensione si riveli priva di qualsiasi *fondamento* nel fatto e nel diritto, per cui il giudizio si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei fatti posto a base dell'istanza e delle conseguenze giuridiche che ne derivano, non è sufficiente a legittimare una domanda per danni da parte del vincitore nella lite";

Dik is-sentenza kompliet, imbgħad, issemmi l-mala fede u l-vessatorjetà bħala *motivi* ta' responsabilità akwiljana, u ċċitat il-ġurisprudenza preċedenti in propożitu;

Is-sentenza issa ċitata ikkonfermat dik tal-prima istanza, fejn kien ġie spjegat li l-prinċipju tar-responsabilità akwiljana japplika wkoll "ai danni cagionati con una lite, perchè anche questi rientrano sotto l'aspetto della lesione dei diritti del privato, del genere di quelli derivanti dalla colpa aquiliana"; u kompliet tgħid li, barra l-fatt stess, jeħtieġ li jkun hemm "la colpa, la inescusabile leggerezza" (p. 408);

Fis-sentenza, ukoll ta din il-Qorti, riportata fil-Vol. XXXII-I-72, u aktar preċiżament fil-ġurisprudenza estera fiha ċitata, jintużaw, a propożitu tar-responsabilità akwiljana, il-kliem "la male fede" (ara wkoll Giorgi, Teor. Obb. Vol. V, p. 241., noti), "la temerarietà", u "imprudenza grave";

Issa, jekk wieħed jeżamina ċ-ċitazzjoni tal-kawża li għaliha hemm riferenza fiċ-ċitazzjoni tal-lum, ċjoè, dik fl-istess ismijiet deċiża mill-Prim'Awla fis-16 ta' Ottubru 1950, isib li l-attur kien preċiżament qiegħed jinkolpa lill-konvenut li eżerċita l-irkupru in mala fede, ċjoè b'konjizzjoni sħieħa tal-insussistenza tat-titoli minnu vantati ("ipsis verbis"). Iżda, mill-parti razzjonali ta' dik is-sentenza, jirriżulta li ma kienx affattu l-każ tal-mala fede; u infatti jingħad fil-kors tal-motivazzjoni:—

"Illi, barra minn dawn il-fattijiet ta' indoli ġenerali, jirriżultaw mil-provi dawn il-fattijiet ta' indoli partikulari, ċjoè:—...... (4) li l-konvenut kien ċert mid-dritt tiegħu li jista' jirkupra, u li fuq dan id-dritt qatt ma qamet kwistjoni bejn il-kontendenti, li jgħidu li t-tnejn ġew jafu li ma kienx jeżisti dak id-dritt wara li għamlu l-konvenzjoni msemmija fl-attijiet, għalkemm kienu jafu li Eleonora Fenech kienet biss tifla naturali ta' Alfredo Fenech......";

U b'riferenza għall-konvenzjoni li fiha l-konvenut irrestrinġa l-irkupru għal xi fondi biss, dik il-Qorti qalet:—

"...... u li b'dan l-intendiment, mhux għax huwa ma kienx allura soġġettivament ċert mid-dritt tiegħu li jirkupra, huwa għamel dak li għamel";

U fid-dispożittiv il-ġudikant qagħad attent li jgħid li r-retratt kien qed jiġi dikjarat null minħabba difett tat-titolu, u r-rivendizzjoni kienet qegħedha tiġi dikjarata nulla minħabba żball ta' dritt, u li f'dak is-sens biss ("ipsis verbis") kienet qegħdha tipprovdi fuq id-domandi";

Għalhekk, ma kienx hemm da parti tal-konvenut din ir-responsabilità inizjali ta' indoli akwiljana;

Ikkunsidrat, dwar it-tieni kwistjoni;

Hu prinċipju elementari li bl-eżerċizzju tal-irkupru u bir-rivendizzjoni konsegwenzjali, ir-retraent jidħol minflok il-kumpratur oriġinali, li jitqies "ac si nunquam emisset" (Vol. X, p. 407, u sentenzi oħra). Għalhekk, salvi l-obligazzjonijiet ta' ċerti rimborżi u ta' ċerti konteġġi preskritti mill-liġi f'każ ta' retratt, ebda rapporti ġuridiċi oħra, li b'xi mod kienu jistgħu jillimitaw lill-konvenut retraent f'dak li kien dritt tiegħu li jagħmel "uti dominus" tal-fondi rkuprati, ma kien hemm bejn il-kontendenti f'dan il-perijodu. Dan ma kienx il-każ ta' proprjetarju riżolubbli, jew ta' proprjetarju li kien jaf bl-imminenza tar-riżoluzzjoni tat-titolu tiegħu; f'liema każijiet jidħlu konsiderazzjonijiet oħra; imma, inveċe, il-konvenut kien, "rebus sic stantibus", ġustifikat jaħseb li hu kien sid irrevokabbli tal-fondi "de quibus". Per konsegwenza, lanqas tista tiġi akkampata xi responsabilità in bażi għall-kważi-kuntratt tan-"negotiorum gestio" (li fit-trattazzjoni ssemma wkoll mill-attur, li ma tantx ippreċiża l-azzjoni minnu esperita); għaliex miż-żmien tad-dritt pretorju ruman kien jingħad li kienet saret ġestjoni "alienis negotiis"; u hu risaput li anki fid-dritt modern, fost ir-rekwiżiti ta' dan il-kważi-kuntratt, hemm dawk li l-affari trattata tkun ta' ħadd ieħor u li l-ġerent ikollu l-ħsieb li jkun qiegħed jittratta affari ta' ħadd ieħor bl-intenzjoni li jobligah — rekwiżiti totalment mankanti fil-każ preżenti (Giorgi, idem p. 22).

Per konsegwenza, ebda responsablità tal-konvenut vis-a-vis l-attur ma seta' kien hemm lanqas f'dan l-istadju;

Ikkunsidrat, dwar it-tielet kwistjoni;

Is-sentenza fuq riferita fil-kawża ġa vertita bejn il-kontendenti qalet hekk:— "...... tiddikjara null u invalidu r-retratt tal-konvenut u l-istess rivendizzjoni; l-ewwel att għad-difett ta' titolu, u l-aħħar att minħabba żball ta' dritt";

Issa, kieku si trattava ta' nullità assoluta vera u proprja, f'sens ta' ineżistenza, forsi kien ikun hemm lok għall-konsiderazzjoni tal-punt involut f'din it-tielet kwistjoni; imma hu ċar li hawn si tratta ta' invalidità li għaliha kien hemm bżonn tal-intervent tat-tribunal biex tiġi aċċertata l-eżistenza jew ineżistenza tat-titolu tar-retratt u biex jiġi aċċertat jekk l-iżball tal-liġi kienx il-kawża unika u prinċipali;

Għalhekk, il-pożizzjoni kreata bl-irkupru u bir-rivendizzjoni baqgħet sħieħa sakemm ma ġewx dikjarati nulli. Igħid Laurent, Vol. XVIII, p. 414, para. 233:— "Da qui risulta una conseguenza importante. Finchè il contratto non è stato annullato, esiste e produce tutti i suoi effetti, come se fosse pienamente valido";

Ikkunsidrat;

Għalhekk, almenu fuq il-bażi kif inkwadrata fl-att taċ-ċitazzjoni, ma jidherx li kien hemm mill-parti tal-konvenut vjolazzjoni ta' xi obbligu ġuridiku li hu kellu versu l-attur, sija kontrattwalment sija extra-kontrattwalment (Giorgi, ibidem, p. 219, u nota in kalċe no. 2). L-ewwel Qorti qiesha ma daħletx fil-punt tan-"nexus" ta' responsabilità, u donnha assumietu. Ma hux kompitu ta' din il-Qorti li teżamina, fuq iċ-ċitazzjoni kif inhi konċepita, jekk talvolta lill-attur jikkompetix xi dritt "utendo juribus" tal-konvenut vis-a-vis il-kjamat in kawża; salva kull konsiderazzjoni u eċċezzjoni oħra, u kull kontestazzjoni tal-interessati;

Għal dawn il-motivi;

Tiddeċidi;

Billi tilqa' l-appell tal-konvenut, tirrevoka s-sentenza

appellata, u tiċħad it-talbiet kif kontenuti fiċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur; salva, "si et quatenus", kull azzjoni oħra tiegħu.